MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru 856/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Frankie Gambin ta’ 58 sena, bin il-mejjet Joseph u Maria Stella nee Caruana, imwieled B’Kara fl-4 ta’ Mejju, 1950, u joqghod ‘Dolphin Flats’, Flat 5, Triq il-Pagell, Bugibba, detentur tal-karta ta’ l-identia 431050(M)**

**u**

**Anthony Gambin ta’ 60 sena bin il-mejjet Joseph u Maria Stella nee Caruana, imwieled B’Kara fit-30 ta’ Dicembru, 1947, u joqghod ‘Victoria”, Flat 1, Triq il-Fliegu, Qawra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati u cioe` talli bejn l-1 ta' Gunju l-15 ta' Lulju 1996, f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu0 qliegh ta' Lm1695.52 ghad-dannu ta' Joseph Borg Ltd, dan bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghthom zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-piena, l-Qorti tiddikjara illi ma tistax tinjora l-fatt illi dawn l-atti ilhom pendenti ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u li l-akkuza giet moqrija biss llum. Illi jidher illi l-imputati iddispjacihom ghal dak illi ghamlu u li huma hallsu ammont konsiderevoli tad-danni ikkagjonati minnhom.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni maghmula mill-imputati llum stess, issibhom hatja ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 il-Qorti qed tillibera lill-hatja bil-kudizzjoni illi huma ma jikkommettux reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma  jikkomettu reat iehor matul dana il-perijodu operrattiv tal-liberta kondizzjonata.

Il-Qorti tordna sabiex kopja ta'l-atti u s-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------